MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 46/2007/1

**Joseph Dimech**

**Vs**

**Anthony Bonanno karta ta'l-identita 46807(M) u B.S Construction Ltd (C27590)**

Il-Qorti;

Rat is-sentenza moghtija fl-24 ta' Frar, 2012 mit-Tribunal tat-Talbiet Zgħar li ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi

*"It-Tribunal;*

*Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi l-konvenuti jew min minnhom ihallsuh is-somma ta' erba mija u disghin Lira Maltin (Lm490)*

*rapprezentanti r-rimanenti bilanc dovut lill-mittenti rigwardanti xogholijiet imwettqa fuq blokk appartamenti fil-Furjana, kif ukoll xogholijiet ezegwiti mill-attur fil-Marsa, liema ammont baqa ma thallasx mill-konvenuti jew min minnhom, ghalkemm interpellati gudizzjarjament. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti li ecepew 1. illi primarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai fini ta' l-artikolu 2147(c) u 2148 (a); 2. illi l-intimat Anthony Bonanno personalment, fl-ebda hin u fl-ebda waqt ma inkariga lill-attur jaghmel xi xogholijiet u ghaldaqstant ma hux il-legittimu kontradittur ta' l-attur; 3. illi s-socjeta' B.S. Construction Limited fl-ebda hin ma inkarigat lill-attur jaghmel xi xoghol izda kien is-subcontractor minnha inkarigat u cioe Anthony Gravina, li kontra tieghu gew istitwiti proceduri gudizzjarji minhabba hsara volontarja u xoghol hazin li ghalih is-socjeta' BS Construction Limited giet penalizzata mid-Dipartiment tal-Housing, Construction and Maintenance, li kien inkariga lill-istess ghalhekk is-socjeta' esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; 4. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont ma hu dovut lill-attur stante illi x-xoghol li ghalih qed jintalab hlas, kien wiehed hazin u mhux skond is-sengha w l-arti tant illi s-socjeta' B S Construction Limited giet penalizzata ghax-xoghol hazin, traskurat u mhux skond is-sengha u l-arti ezegwit minn Anthony Gravina u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Bl-ispejjes.*

*Ra l-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti fejn talbu illi fil-kaz li t-tieni u t-tielet eccezzjoni jigu michuda minn dan it-Tribunal, is-socjeta' konvenuta qieghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt illi tipprezenta l-kontro talba taghha fil-mertu, u cioe talba ghall-hlas ta' Lm1248.50 jew dak l-ammont li jista' jigi hekk stabbilit, rapprezentanti danni subiti mill-istess socjeta' konsegwenza ta' a) xoghol li sar mill-attur li ma kienx skond is-sengha w l-arti u, b) xoghol*

*traskurat fost danni ohra kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Illi dan ix-xoghol kellu jigi ezegwit fil-blokk 20-24, Triq il-Kapuccini, Floriana.*

*Ra r-risposta tal-attur rikonvenzjonat ghal-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti li eccepixxa illi l-pretensjoni kif rivolta fil-konfront ta' Joseph Dimech hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li ma huwa dovut l-ebda ammont minn Dimech versu Bonanno u/jew B S Construction Limited; illi din l-istess pretensjoni diga giet rivolta minn Anthony Bonanno u/jew B S Construction Limited fil-konfront ta' Tommy Gravina u hija pendenti quddiem dan it-Tribunal kif diversament presjedut.*

*Sema x-xhieda tal-konvenut Joseph Dimech.*

*Sema' x-xhieda ta' Tommy Gravina prodott mill-attur.*

*Sema' x-xhieda ta' Anthony Bonanno in subizzjoni.*

*Sema' x-xhieda ta' Joseph Borg Cardona prodott mill-attur.*

*Sema' x-xhieda ta' Dr. Joseph Sammut prodott mill-konvenuti.*

*Sema' x-xhieda tal-Perit Anton Camilleri prodott mill-konvenuti.*

*Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.*

*Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.*

*Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.*

*Ra l-atti kollha tal-kawza.*

***Ikkunsidra.***

*Illi fil-qosor il-fatti tal-kaz huma s-segwenti. Is-socjeta' B S Construction Limited kienet hadet 'tender' minghand il-Gvern sabiex tikkostruwixxi u taghmel il-finishings f'zewg garaxxijiet u tmien appartamenti gewwa l-Furjana. Sabiex ezegwiet dan it-tender, din is-socjeta' qabdet diversi nies bhala sub-contractors sabiex jaghmlu diversi xogholijiet. Fosthom kien tqabbad l-attur sabiex jaghmel xoghol ta' tqeghid tal-madum fil-kmamar tal-banju ta' erba minn dawn it-tmien appartamenti.*

*L-attur spejga li sar jaf minghand certu Tommy Gravina illi kien hemm bzonn ta' xi hadd sabiex jahdem fuq it-tqeghid tal-madum f'xi appartamenti gewwa l-Furjana. Ghalhekk huwa kien mar fuq il-lant tax-xoghol u hemmhekk ftiehem mal-konvenut Anthony Bonanno sabiex jaghmel dan ix-xoghol u anki dwar ir-rata li kienet ser tintuza. Wara li ghamel xi gimghatejn jahdem il-konvenut Anthony Bonanno kien hallsu s-somma ta' Lm200 akkont permezz ta' cekk. Sussegwentement meta spicca x-xoghol huwa talab il-bilanc tal-prezz dovut lilu, u cioe dak ta' Lm400 izda l-konvenut kien qallu li malli jithallas hu minghand id-Dipartiment tal-Housing kien ser ihallas lill-attur. Peress illi effettivament l-attur qatt ma thallas dan l-ammont minghand il-konvenuti, kellha ssir din il-kawza. L-attur qed jitlob ukoll is-somma ta' Lm90 minghand il-konvenuti ghal xoghol li huwa ezegwixxa fuq inkarigu tal-konvenuti, gewwa l-biccerija tal-Marsa, u ta' liema xoghol huwa ghadu ma thallasx. Dan kollu gie konfermat minn Tommy Gravina li spjega li huwa kien ta isem l-attur lill-konvenut Anthony Bonanno peress illi kien hemm bzonn li jsiru l-kmamar tal-banju tat-tmien appartamenti u Gravina ma setax jaghmilhom wahdu. Ghalhekk fuq talba ta' Bonanno stess, Gravina kien qallu bl-attur. Gravina xehed illi jaf li l-attur*

*kien ftiehem fuq prezz u jaf li sa llum ma kienx thallas kollox minghand il-konvenuti, kif del resto kien ghadu ma thallasx hu wkoll. Skond hu l-konvenut Bonanno kien gab hafna skuzi ghalfejn ma sarx dan il-hlas.*

*Minn-naha tieghu Anthony Bonanno xehed li huwa kien qabbad lill-Tommy Gravina bhala sub-contractor sabiex jaghmel diversi xogholijiet fuq l-appartamenti in kwistjoni u li hu kellu x'jaqsam mieghu biss. Hu xehed li kien Gravina li qabbad lill-attur sabiex jaghmillu xi whud mill-kmamar tal-banji u ghalhekk ma kellu l-ebda relazzjoni guridika ma l-attur. Hu xehed ukoll li kien avza lill-Gravina u Dimech li kien ser ihallashom biss jekk jithallas minghand id-Dipartiment tal-Housing, u cioe jekk ix-xoghol jigi certifikat li kien tajjeb. Skond hu hafna mix-xoghol li sar f'dawn il-kmamar tal-banju sar hazin, tant hu hekk illi ma kienx thallas l-ammont kollu li kellu jithallas mid-Dipartiment.*

*Illi l-Perit Anton Camilleri, Direttur tal-Housing Department, spjega li meta tlestew ix-xogholijiet in kwistjoni wiehed seta jara li kien hemm diversi problemi u fosthom xoghol ta' tqeghid tal-madum fil-kmamar tal-banju li ma kienx sar skond is-sengha w l-arti. Minhabba f'hekk id-Dipartiment kien illikwida dawn id-danni u naqqas l-ammont hekk likwidat mill-ammont globali dovut lill-kuntrattur, u cioe l-konvenuti.*

*Illi fl-ewwel lok, jinghad illi ma ngabu assolutament l-ebda provi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti fir-risposta taghhom, u lanqas ma sar xi accenn ghal tali eccezzjoni waqt l-andament tal-kawza kollha, jew fis-sottomissjonijiet bil-miktub tal-konvenuti, u ghalhekk tali eccezzjoni ma tistax hlief tigi michuda.*

*Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti f'din il-kawza t-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel. Fl-ewwel lok, din il-kawza hija*

*intrinsikament konnessa mal-kawza numru 13/2006 fl-ismijiet 'BS Contruction Limited vs Tommy Gravina' li wkoll giet deciza llum stess minn dan l-istess Tribunal. Illi l-mertu f'din il-kawza huwa l-istess bhal dik tal-kawza l-ohra.*

*Illi mill-provi kollha prodotti kemm f'din il-kawza kif ukoll fil-kawza bl-Avviz numru 13/2006, jidher bic-car li Anthony Bonanno kien ftiehem direttament mal-attur f'din il-kawza, u cioe Joseph Dimech, dwar ix-xoghol li kellu jsir fil-kmamar tal-banju tal-erba appartamenti li ma setax jaghmel Tommy Gravina. Huwa minnu li kien Tommy Gravina li kien suggerixxa isem Dimech lill Bonanno, pero sussegwentement Bonanno kien ftiehem direttament ma Dimech, u ghalhekk l-eccezzjonijiet li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma l-attur huma ghal kollox bla bazi.*

*Illi huwa minnu wkoll pero, li x-xoghol fil-kmamar tal-banji gie ezegwit hazin kemm mill-attur kif ukoll minn Tommy Gravina u ta' dan il-kuntratturi konvenuti kienu sofrew danni peress li d-Dipartiment tal-Housing kien naqqas mill-ammont dovut lilhom.*

*Illi kif gja gie deciz fil-kawza fl-ismijiet 'BS Construction Limited vs Tommy Gravina', kemm Dimech kif ukoll Gravina ma jistghux jippretendu l-hlas minghand il-kuntrattur ghal xoghol ezegwit hazin u mhux skond issengha w l-arti da parti taghhom.*

*Ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi l-hlas ta' Lm400 meta xogholu ma sarx kif suppost u meta l-kuntrattur ma thallasx minghand id-Dipartiment ghal dan ix-xoghol peress li ma giex iccertifikat. Minn-naha l-ohra, l-attur f'din il-kawza qed jitlob ukoll is-somma ta' Lm90 ghal xi xoghol li huwa ezegwixxa ghall-kuntratturi gewwa l-biccerija tal-Marsa. Illi la l-ammont u lanqas il-fatt li sar*

*dan ix-xoghol ma gie kontestat mill-konvenuti u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha limitatament ghal dan l-ammont.*

*Illi fir-rigward tal-kontro talba tal-konvenuti, din hija ghal kollox bla bazi ghaliex fl-ewwel lok l-istess ammont, u cioe dak ta' €1248.50, kien proprju l-mertu tal-kawza l-ohra fuq imsemmija 13/2006, u dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif tali ammont jista' jintalab darbtejn minn zewg persuni differenti. Oltre dan, alavolja dan huwa l-ammont li ma thallasx lill-konvenuti minghand id-Dipartiment tal-Housing, il-konvenuti gja naqqsu dan l-ammont in parti minn dak dovut lill-attur ghax-xoghol hazin maghmul minnu, u in parti minn dak dovut lil Tommy Gravina ghax-xoghol hazin maghmul minnu, u ghalhekk effettivament ma hemm xejn li jibqa dovut lill-konvenuti jew min minnhom.*

*Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jilqa ttalba attrici limitatament, u b'hekk jordna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont ta' mitejn u disa' ewro u hamsa u sittin centezmu (€209.65), ekwivalenti ghal disghin lira Maltin (Lm90), u fit-tieni lok jichad il-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenuti."*

Illi l-konvenuti appellanti ressqu s-segwenti aggravji fil-konfront tas-sentenza ċitata:

1. illi fil-konfront ta' Anthony Bonnano, il-Bord naqas milli jieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni fejn dan kien eċepixxa illi huwa fl-ebda ħin ma nkariga lill-attur jagħmel xi xogħolijiet u għaldaqstant ma huwiex il-leġittimu kontradittur. L-appellanti jgħidu ukoll f'dan l-aggravju illi Anthony Bonanno

qatt ma aġixxa f'ismu personalment iżda bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà BS Construction Ltd.

2. illi fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali għall-ammont ta' Lm1248.50 f'danni subiti, l-ammont ma giex mitlub ghal darbtejn f'azzjoni ohra *ad hoc* maghmula mis-socjeta appellanti u dan kif deciz mit-Tribunal, dan ghaliex dik l-azzjoni saret fil-konfront ta' Tommy Gravina u mhux fil-konfront ta'l-attur appellat odjern. Dan ghaliex is-socjeta appellanti qatt ma inkarigat lill-attur sabiex jezegwixxi ix-xogholijiet, izda lil Gravina li minn naha tieghu inkarigu lill-attur sabiex ighinu fix-xogholijiet.

3. illi ma jagħmilx sens illi jiġi dikjarat mit-Tribunal illi l-appellanti soffrew danni u fl-istess waqt ma jingħatalhom ebda kumpens.

4. illi ma nġiebet ebda prova mill-appellat dwar ix-xogħol li allegatament gie esewgiet minnu ġewwa l-Marsa u li ma ġiex imħallas għaliha.

5. Finalment illi kull talba għall-ħlas mill-appellat hija preskritta.

Illi ghalkemm debitament innottifikat, l-attur appellanti la jipprezenta r-risposta tieghu ghal dan l-appell u wisq anqas jattendi ghas-smiegh tieghu.

Il-fatti kif jirriżultaw mill-atti huma s-segwenti:-

Din il-kawża instemgħet u imxiet flimkien mal-kawża bin-numru 13/2006VGD. Is-soċjetà konvenuta rebħet tender tal-Gvern sabiex tlesti għall-abitazzjoni tmien appartamenti u żewġ garaxxajiet fil-Furjana

Apparti x-xogħol ta' *finishing*, il-konvenuti tqabbdu ukoll jagħmlu xogħol ta' kċejjen u kmamar tal-banju. Anthony Gravina (konvenut fil-kawża 13/2006 quddiem Tribunal tat-Talbiet Żgħar) aċċetta li jagħmel erbat ikmamar biss minn dawn il-kmamar tal-banju, u l-erbat ikmamar l-oħra kellu jagħmilhom l-attur Joseph Dimech. Fix-xhieda tagħhom, il-partijiet ma jaqblux dwar il-mod kif

tqabbad l-attur, Dimech jgħid illi huwa ftiehem direttament ma' Bonnano filwaqt illi Bonnano jgħid illi l-attur tqabbad minn terza persuna u ċioe minn Gravina.

Jirriżulta illi Joseph Dimech lesta x-xogħol tal-kmamar tal-banju. Huwa tħallas mitejn lira Maltin (LM 200) b'ċekk pero kien għad baqa' bilanċ dovut għal dan ix-xogħol ta' erba' mitt lira Maltin (Lm 400). L-attur jitlob ukoll mingħand il-konvenuti somma ta' Lm 90 għal biċċa xogħol oħra illi huwa għamel għalihom ġewwa l-biċċerija l-Marsa,u għal liema, skond huwa ukoll għadu ma tħallasx.

Minħabba xi difetti illi rriżultaw fix-xogħolijiet, jidher illi l-konvenuti ma tħallsux l-ammont kollu illi kellhom jitħallsu mill-Gvern. Fil-fatt jirriżulta illi mis-somma illi l-Gvern kellu jagħti lill-konvenuti giet imnaqqsa is-somma ta' Lm1200, li kien l-ammont likwidat f'danni għal dak ix-xogħol illi ġie iċċertifikat illi ma sarx kif kellu jsir.

Illi preliminarjament l-appellanti jilmentaw mill-fatt illi it-Tribunal naqas milli jinvesti l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Anthony Bonnano fil-vesti tieghu personali fejn huwa talab il-liberazzjoni *ab observantia judicii* billi kienet is-socjeta konvenuta appellanti li kienet involuta fil-kuntratt tax-xogholijiet u hu kien qiegehd jidher biss bhala direttur. Jirriżulta mill-provi illi Joseph Dimech sar jaf dwar xogħol ta' tqegħid tal-madum fil-Furjana minn Anthony Gravina. Peress li kien interessat illi jagħmel dan ix-xogħol, Joseph Dimech tkellem ma' Anthony Bonanno. Fin-negozjati, l-attur appellat ighid illi huwa dejjem tkellem ma' Bonanno u huma t-tnejn flimkien ftehmu bejniethom fuq il-prezz ta' erbgħin lira maltin l-metru għal dan ix-xogħol. L-attur jgħid ukoll illi kien Anthony Bonanno illi ħallsu b'ċekk ta' mitejn lira akkont ta'l-ammont totali dovut. Dan jikkuntrasta ma' dak allegat minn Bonanno li dejjem baqa' jinsisti illi l-kontrattazzjoni saret ma' Gravina u kien Gravina li qabbad lill-attur biex

ighinu fix-xoghol. Fil-fatt isostni illi huwa kiteb *open cheque* lil Anthony Gravina.

Il-provi cirkostanzjali li hemm in atti, madanakollu, jindikaw mod iehor meta jirrizulta senjalatament mic-ċekk esebit a fol 32 tal-atti mill-manager tal-Bank of Valletta, mahrug a favur ta'l-attur appellat illi dan ic-cekk mahrug mill-kont tas-socjeta appellanti gie iffirmat minn Anthony Bonnano għall-ammont ta' mitejn lira Maltin. Dwar dan iċ-ċekk Dr Joseph Sammut, xehed a fol 40, illi dan inħareġ lil Gravina mingħajr mal-persuna ġiet indikata fuq iċ-ċekk. Pero Joseph Dimech jikkontradxxi dan u xehed illi ċ-ċekk kien fil-fatt tahulu Bonanno u mhux Gravina.

Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut Anthony Bonnano li jgib il-prova li Joseph Dimech kien ġie mgħarref li huwa kien qed jikontratta ma' socjeta' kummercjali, BS Constructions. Mill-provi minn imkien ma jirrizulta li l-attur qatt seta' jiddeduci li kien qiegħed jinnegozja ma' kumpanija b'personalita' guridika distinta.

Illi dan il-principju gie kostantament applikat mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza fl-ismijiet **<u>"Charles O' Flaherty noe. vs Joseph Micallef" (Cit Nru 885/85/JDC),</u>** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Gunju 1987, inghad ***"Illi f'dawn iccirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirrizultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta' attrici li l-hlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta' kummercjali".***

Fl-istess vena gie deciz fil-kawza fl-ismijiet "**Frank Cilia noe. vs Charles Scicluna**" (Cit Nru 1337/90/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992: ***"Illi hija haga mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li minjikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq minjaghmel l-allegazzjoni …***

Illi l-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward Borg)**" deciza fl-10 ta' Mejju 1990, qalet illi: ***"La darba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamiliex f'ismu personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel."***

Illi premess dan ghalhekk jirrizulta illi l-appellanti Anthony Bonnano kellu jkun responsabbli anke fil-kwalita` tieghu personali minhabba dak premess u għaldaqstant dan l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

Illi it-tieni aggravju jitratta imbaghad id-decizjoni tat-Tribunal in konnessjoni mal-kontro-talba vantata mill-appellanti ghad-danni. Illi l-appellanti jgħidu illi t-Tribunal żbalja meta qal illi din hija somma illi kienet qiegħda tintalab darbtejn fil-konfront ta' żewġ persuni, għaliex huma ma setgħux ikunu jafu min, mill-ħaddiema u ċioe Joseph Dimech jew Anthony Gravina, kien esegwixxa l-biċċa xogħol illi ma saritx skond is-sengħa u l-arti.

Jirriżulta lil din il-Qorti illi meta ġie sabiex jiġi iċċertifikat ix-xogħol minn naha tad-Dipartiment tal-Housing, kien hemm xi ilmenti dwar l-istess xoghol li sar fil-kmamar tal-banju. Illi x-xhud Perit Anton Camilleri iccertifika illi x-xoghol li sar ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Huwa ikkonferma illi l-ispejjes tax-xoghol difettuz tnaqqas mill-ammont li kellu jithallas lis-socjeta' appellanti. Fil-fatt l-ammont globali li tnaqqas minn dak dovut ghad-difetti kollha li nstabu fil-progett effettivament kien dak ta' Lm1925.75. Illi fil-kontro talba, l-appellanti talbu quddiem it-Tribunal il-hlas ta' ammont (Lm1248.50) li gie mnaqqas lilha mid-Dipartiment. Jiġi osservat illi dan l-ammont ukoll ġie mitlub mis-soċjetà appellanti f'kawża Cit.Nru 13/2006 minghand Anthony Gravina, li kienet il-persuna l-oħra illi ukoll ħadmet għas-soċjetà appellanti, liema talba kienet ġiet miċħuda mit-Tribunal.

Jibda sabiex jingħad illi s-somma ta' Lm1248.50 tirrappreżenta allegati danni sofferti mis-soċjeta appellanti għal xogħol illi ma sarx skond is-sengħa u l-arti. Jirriżulta mill-atti illi l-appellat hadem biss fil-kmamar tal-banju ta' erba' flats, filwaqt illi x-xogħol fir-rimanenti appartamenti sar mill-ħaddiem l-ieħor, Anthony Gravina. L-appellanti, allura, necessarjament jenhtiegilhom jippruvaw in-ness bejn ix-xoghol ta'l-appellat u d-difetti fil-kmamar tal-banju li għalihom sar it-tnaqqis fil-prezz mill-Gvern lill-appellanti. Illi fix-xhieda tal-Perit Anton Camilleri a fol 62 ta'l-atti jirrizulta illi t-tnaqqis fil-prezz mill-Gvern lill-appellanti għal madum kien ta' Lm 330. Illi l-appellanti żammet lura l-ħlas tas-somma ta' Lm400 minn dak dovut lill-appellat, u allura jfisser illi meta hallsitu ghall-bqija tax-xoghol li ghamel, l-appellanti kienu diġa ikkwantifikaw l-ammont li kellu jigi mnaqqas minn dak dovut lilu ghax-xoghol li kien sar hazin, Jiġi osservat ukoll illi s-soċjeta appellanti diġa naqset ukoll l-ammont illi kien dovut lil Anthony Gravina. Inoltre it-Tribunal ċaħad it-talba tal-appellat għall-ħlas ta' Lm400 **ghaliex '*xogħolu ma sarx kif suppost u meta l-kuntrattur ma tħallasx mingħand id-dipartiment għal dan ix-xogħol peress illi ma ġiex***

***ċertifikat'.*** Għal dawn il-motivi kemm it-tieni kif ukoll it-tielet aggravju, li huma konnessi,  għandhom jiġi miċħuda.

Illi l-uniku talba li giet milqugha mit-Tribunal kient dik ghal hlas ta' Lm90 ghar-rigward ta' xi xoghol iehor ezegwiet mill-attur appellat fuq inkarigu ta'l-appellanti gewwa il-Marsa. L-appellanti jilmentaw illi l-attur naqas milli iressaq provi sufficjenti sabiex jissostanzja din it-talba. Illi l-artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 jiddisponi illi t-Tribunal mhuwiex tenut li jesigi l-ahjar prova. Pero xorta jibqa' l-fatt illi t-Tribunal wara illi jisma' lill-partijiet kontendenti jixhdu 'viva voce' , u qabel jilqa' t-talba tal-attur appellat,  kellu jasal għall-konklużjoni illi huwa kien moralment konvint li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur ghandha titwemmen. Illi fix-xhieda tieghu l-attur appellat jikkonferma illi huwa ezegwixxa dan ix-xoghol gewwa il-Marsa u li ghalih huwa baqa' ma thallasx. Dan il-fatt ma giex ikkontestat mill-appellanti. Illi din il-Qorti ta' revizjoni qajla ghalhekk tqanqal apprezzament ta' fatti maghmul mill-aggudikatur in prim'istanza.

Illi gie rintenut mill-gurisprudenza in materia illii sabiex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni tvarja jew thassar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti jew Tribunal, din ta' l-ewwel trid tkun sodisfatta illi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jew Tribunal giet ezercitata manifestament hazin.

***"Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi"[1].***

[1] **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited"** (A.C. - 4 ta' Lulju 2008)

Illi il-konvenuti appellanti ma iressqux argumentazzjoni valida ‘il ghala din il-Qorti ghandha iccaqlaq id-diskrezzjoni ezercitata mit-Tribunal, meta ma jirrizultax illi huma ressqu xi provi in prim’istanza sabiex iwaqqghu l-affermazzjoni maghmula minn Dimech fix-xhieda tieghu. Ghaldaqstant anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi finalment l-appellanti jergghu iressqu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’l-azzjoni. Illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ċaħad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in bazi ghall-konsiderazzjoni illi l-konvenuti appellanti naqsu li jipproduċu xi prova in sostenn taghha.

Illi l-konvenuti appellanti jispeċifikaw l-preskrizzjoni li fil-fehma tagħhom kienet hekk applikabbli biex tikkontrasta l-pretensjoni tal-attur u tipparalizza l-azzjoni tieghu bhala dik annoverata fl-artikolu 2147(c) u 2148(a) tal-Kodici Civili;

***“Skond certu orjentament gurisprudenzjali “l-vera posizzjoni, f’ kaz ta’ eccezzjoni ta’ preskrizzjoni li timporta prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista’ jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b’ xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilita`, is-sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni …” (Kollez. Vol. XXXVII P II p 621);***

***Invece, skond orjentament iehor “min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni” – “Josianne Sciberras -vs- Giovanni Vella et”,***

***Appell, 21 ta' Frar 1996; "Jeremy Holland -vs- Joseph Chetcuti", Appell, 25 ta' Frar 2000;***

***Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li dan l-ahhar insenjament jaghmel aktar sens guridiku. L-Artikolu 2107 (2), Kodici Civili jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi";***

***Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f' sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali[2];***

Minn dan appena rilevat jidher li t-Tribunal kien korrett fil-motivazzjoni tiegħu fis-sentenza tal-24 ta' Frar 2012 fejn ċaħad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni peress illi '***ma nġabu assolutament l-ebda provi fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti fir-risposta tagħhom, u lanqas ma sar xi aċċenn għal tali eċċezzjoni waqt l-andament tal-kawża kollha, jew fis-sottomissjonijiet bil-miktub tal-konvenuti'.***

---

[2] Appell Civili Numru. 92/1997/1 Luciano Martinelli, ghan-nom u fl-interess ta' Mirage Holdings Limited vs Saviour Pisani tat-22 ta' Gunju, 2005

***Kien qabel xejn jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi tterminu preskrittiv u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak ilmument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni***[3] *"*.

Premess dan u minn ezami akkurat ta'l-atti probatorji, din il-Qorti issib illi t-Tribunal kellu ragun fil-konkluzjoni minnu raggunta billi fl-atti ma gietx imressqa imqar prova wahda mill-konvenuti appellanti in rigward tad-dekors taz-zmien statutorju sabiex tigi avvanzata il-pretensjoni attrici. Fil-fatt il-provi kollha iduru mal-mertu tal-kaz u xejn iktar. Għaldaqstant lanqas dan l-aggravvju ma jista' jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Citaz. numru 147/88 PC (G) Guido J. Vella A. & C.E. vs Dr. Emanuel Cefai LL.D. Appell Ċivili 5 ta' Ottubru, 2001